QORMI

**KUNSILL LOKALI QORMI** **IL-ĦAMES KUNSILL**

**MINUTI SEDUTA NRU. 44** **L-ERBGĦA 15 TA' DIĊEMBRU 2010**

Il-Kunsill Lokali ltaqa' nhar l-Erbgħa 15 ta' Diċembru 2010 fis-6.30 ta' fil-għaxija fl-Uffiċċji Amministrattivi tal-Kunsill.

**PREŻENTI (Il-Ħdax-il Kunsillier)**

Is-Sindku Jesmond Aquilina, il-Viċi Sindku Kenneth Busuttil, il-Kunsilliera Angelo Briffa, Thomas Harmsworth, Jason Busuttil, Bjorn Azzopardi, Dennis Zammit, Simon Vella Gregory, Jeffrey Camilleri, Ralph Puli (6:45pm) u Margaret Mercieca (6:50pm).

**TALBA**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** qal it-talba.

**44/01 MINUTI TAS-SEDUTA NRU. 43**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Minuti tas-Seduta Nru. 43 li nżammet nhar it-Tlieta 09 ta' Novembru 2010, minuti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija.

**Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi** ssekonda. **Ivvutaw Favur id-disa' Kunsilliera (9) preżenti**. Ħadd ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**Il-Minuti tas-Seduta numru 43 ġew approvati unanimament u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.**

**44/02 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI / KOMUNIKAZZJONIJIET**

**44/02/01** **Is-Sindku** Jesmond Aquilina aċċenna għas-serata ta' l-inawurazzjoni tar-restawr ta' l-istatwa tal-Madonna tar-Rużarju, u l-attivita' l-ittellgħet b'suċċess, bil-parteċipazzjoni tas-Segretarju Parlamentari għall-Konsumatur, Kompetizzjoni Ġusta, Kunsilli Lokali u Konsultazzjoni

Pubblika Dr. Chris Said. Is-Sindku rringrazzja l-ħidma kollha li saret minn kulħadd, b'mod partikulari mis-sur Alfred Mallia u Karen Camilleri.

**44/02/02** **Is-Sindku** kkummenta b'dispjaċir in-nuqqas ta' parteċipazzjoni mill-membri tal-Kunsill għas-serata 'Adeste Fidelis' organizzata mis-Sezzjoni Żgħażagħ Kumitat Festi Esterni li saret taħt il-Patroċinju tal-E.T. il-President ta' Malta li attenda din is-serata.

**44/02/03** **Is-Sindku** nforma li l-Kunsill kien magħżul għall-premju ta' konsolazzjoni ta' Euro 5,000 fil-kompetizzjoni Nazzjonali għal Appoġġ lill-Intrapriża. Barraminnhekk il-Kunsill Qormi kien innominat rebbieħ mill-*Maltese Olympic Committee* b'apprezzament għall-attivitajiet sportivi li kienu organizzati mill-Kunsill Qormi matul is-sena 2010.

**44/02/04** **Is-Sindku** fakkar li matul il-ġimgħa d-dieħla kien sejjer jagħlaq il-konvenju li kien sar għax-xiri ta' garaxx mal-bini tal-Kunsill. Minħabba li l-Kunsill għadu ma rċeviex id-dokumenti uffiċjali li jawtorizzaw dan ix-xiri mill-Ministeru, kif titlob il-liġi, għalhekk jeħtieġ li dan il-konvenju jerġa' jiġġedded għal xahrejn oħra. Il-Kunsill unanimament approva.

## 44/03 PAGAMENTI GĦAX-XAHAR TA' NOVEMBRU 2010

**Is-Sindku** ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista ta' pagamenti għax-xahar ta' Novembru u Diċembru 2010, dokumenti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija u wara ppropona l-approvazzjoni ta' dawn il-pagamenti. **DOK 'B1-3'**

- **a)** Pagamenti li għad iridu jsiru għax-xahar ta' Diċembru
- **b)** Bank Payments Novembru 2010
- **c)** Petty Cash Novembru 2010

**Il-Kunsillier Jason Busuttil** issekonda.

**Ivvutaw Favur** id-disa' Kunsilliera (9) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-pagamenti kollha.

## 44/04 MOZZJONI 110/2010 (V) ORGANIZZAR TA' *CHRISTMAS VILLAGE*

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq il-Mozzjoni 110/2010 dwar l-attivita' matul il-Milied tal-*Christmas Village*.

"Il-Kunsill Lokali flimkien mal-Qormi Football Club se jorganizza l-Qormi Christmas Village fi Ġnien de La Cruz bejn is-Sibt 18 ta' Diċembru 2010 u l-Erbgħa 22 ta' Diċembru 2010.

Għaldaqstant nipproponi li l-Kunsill Lokali japprova n-nefqa ta' nofs l-ispejjeż għas-servizz tal-Pulizija, li jammontaw għal madwar € 290.00."

**Il-Kunsillier Thomas Harmsworth** ssekonda l-mozzjoni.

**Is-Sindku** fisser li sa fl-aħħar il-ġnien De La Cruz sejjer jingħata l-ħajja f'dan iż-żmien tal-Milied, permezz tal-membri tal-club tal-football fejn sejjer ikun organizzat Villaġġ tal-Milied, b'diversi attrazzjonijiet, fejn il-ġnien sejjer ikun imdawwal u mżejjen għall-Milied. Huwa sostna li attivitajiet bħal dawn għandhom ikunu inkoraġġuti u l-Kunsill għandu jkompli jaħdem sabiex iħeġġeġ aktar għaqdiet jorganizzaw aktar attivitajiet, speċjalment f'dan il-ġnien.

**Ivvutaw favur id-disa' (9) Kunsilliera preżenti**.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-mozzjoni 110/2010.

**44/05** **Il-Kunsillier Ralph Puli** daħal għas-seduta fis-6.45 ta' **filgħaxija.**

## 44/06 MOZZJONI 111/2010 (V) - TIŻJIN TAL-MILIED FI TRIQ SAN SEBASTJAN

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq il-Mozzjoni 111/2010 dwar Tiżjin tal-Milied fi Triq San Sebastjan.

"Nipproponi li l-Kunsill japprova n-nefqa ta' € 400 sabiex tiżżejjen Triq San Sebastjan, bid-dawl tal-Milied. Dan l-armar se jsir mill-Għaqda Armar San Sebastjan."

**Il-Kunsillier Simon Vella Gregory** issekonda l-mozzjoni.

Is-Sindku spjega kif bħas-snin l-imgħoddija, il-Kunsill permezz tal-Għaqda Armar San Sebastjan kienu qablu li jarmaw Triq San Sebastjan b'dawl u tiżjin tal-Milied, u dawn l-ispejjeż se jlaħħqu erba' mitt euro.

**Ivvutaw favur l-għaxar (10) Kunsilliera preżenti**.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-mozzjoni 111/2010.

## 44/07 MOZZJONI 112/2010 (V) - PREMJU INT

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq il-Mozzjoni 112/2010 dwar l-organizzar tas-serata Premju Int, Irrid Nikber fit-Tjubija, li sejra tittella' nhar is-Sibt 22 ta' Jannar fl-Awditorju Sir Temi Zammit, l-Universita' tal-Qroqq, fl-attivita' prinċipali tal-Programm Strumentali tal-Għaqda Mużikali Anici.

"Nipproponi li l-Kunsill japprova n-nefqa ta' madwar €1120 sabiex tkun organizzata s-Serata għall-Premju INT 2010. Din in-nefqa tkopri l-midalja, t-tokens li jingħataw lill-parteċipanti, 50% tal-ispiża tal-photographer u riċeviment waqt is-serata.

Bħalma sar is-sena li għaddiet, is-serata taċ-ċerimonja tal-Għoti tal-Premju I.N.T. (Irrid Nikber fit-Tjubija) sejra tinżamm waqt il-Programm Strumentali organizzat mill-Għaqda Mużikali Anici skont il-ftehim ta' koperazzjoni bejn il-Kunsill Lokali u t-Tliet Baned Qriema.

Dan il-Programm Strumentali se jiġi organizzat nhar is-Sibt 22 ta' Jannar, fis-7.30 ta' filgħaxija fl-Awditorju Sir Temi Zammit, l-Universita' tal-Qroqq.

Din l-attivita' se tiġi organizzata taħt il-Patroċinju Distint ta' l-E.T., Dr George Abela, President ta' Malta."

**Il-Viċi Sindku Kenneth Busuttil** issekonda l-mozzjoni.

**Is-Sindku** spejga li din is-sena wkoll il-Premju Irrid Nikber fit-Tjubija ser jittella' fis-Sala Sir Temi Zammit fl-Universita' tal-Qroqq nhar is-Sibt 22 ta' Jannar filgħaxija waqt il-Kunċert mill-Banda Anici Social Club. Din l-Attivita' ser tkun taħt il-Patroċinju ta' l-Eċċ Tiegħu Dr George Abela, il-President tar-Repubblika ta' Malta.

Huwa nforma wkoll li l-Kapijiet tal-Iskejjel, u tal-Għaqdiet Qriema kollha, kienu mitluba jressqu nominazzjoni ta' tfal ta' taħt is-sittax-il sena li jkunu għamlu atti ta' altruwiżmu. Matul din l-attivita' ser tittella' wirja mill-Għaqdiet fejn ikunu esebiti ritratti jew xogħlijiet tal-għaqdiet.

**Ivvutaw favur l-għaxar (10) Kunsilliera preżenti**.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-mozzjoni 112/2010.

**44/08** **Il-Kunsillier Margaret Mercieca** daħlet għas-seduta fis-6.50 ta' **filgħaxija.**

**44/09** **MOZZJONI 113/2010 (V) - *PERFORMANCE (APPRAISAL) BONUS***

**Is-Sindku Jesmond Aquilina,** ressaq il-Mozzjoni 113/2010 dwar il-Performance Appraisal Bonus tas-Segretarju Eżekuttiv u tal-Impjegati tal-Kunsill.

"Billi l-kuntratt ta' l-impjegati tal-Kunsill jipprovdi li fl-aħħar tas-sena finanzjarja l-impjegati għandhom jitħallsu l-*performance bonus*;

Billi r-regolamenti finanzjarji jipprovdu li dan il-Bonus;

a. m’għandux ikun iżjed minn 10% tar-renumerazzjoni fil-każ tas-Segretarju Eżekuttiv, u
b. mhux iżjed minn 6% tar-renumerazzjoni li jkunu qed jitħallsu fil-każ ta’ l-impjegati l-oħra;

U billi s-Segretarju Eżekuttiv irrikmanda li l-impjegati għandhom jingħataw il-performance bonus kif imsemmi ‘l fuq u;

U billi fl-opinjoni tiegħi, s-Segretarju Eżekuttiv għandu jingħata wkoll il-performance bonus kif imsemmi aktar ‘l fuq;

Qed jiġi riżolt li s-Segretarju Eżekuttiv u l-impjegati tal-Kunsilli l-*Performance Bonus* skont il-persentaġġ kif jidher hawn taħt;

| | |
|---|---|
| John Farrugia | 10% |
| Marilyn Gatt | 6% |
| Ritienne Sammut | 6% |
| Karen Camilleri | 6% |
| Maria Aquilina | 6% |
| Bernice Darmanin | 6% |

**Il-Kunsillier Jason Busuttil** ssekonda il-mozzjoni.

**Is-Sindku** ressaq ukoll il-*Performance Bonus Appraisal* ta’ kull impjegata, li fih hemm irrapurtat l-*performanc*e ta’ kull impjegat matul din is-sena 2010 fid-dettal, imħejji mis-Segretarju Eżekuttiv. Dan id-dokument jiġbor analiżi tal-ħidma ta’ kull impjegata fil-Kunsill, kif ukoll tpoġġew *targets* ġodda għas-sena li ġejja, fejn l-enfażi ser tibqa’ dwar it-*teamwork* fil-ħidma ta’ kuljum. Is-Sindku ressaq ukoll l-*Appraisa*l tas-Segretarju Eżekuttiv imħejji minnu.

Huwa ppropona li kif kien propost mis-Segretarju Eżekuttiv, l-impjegati jingħataw il-*full bonus* għal sena oħra ħidma bla waqfien, effiċjenti u ħidma eċċezzjonali li għandha tkun ta’ inċentiv lil kulħadd sabiex ikun hemm sforz akbar biex ikun hemm inizjattiva ġdida u sħiħa għal aktar *improvement* fix-xogħol. Għalhekk jistenna li kulħadd jerġa jagħmel sforz akbar matul is-sena d-dieħla li ser tkun ukoll l-aħħar sena tal-Kunsill, fejn għandu jsir aktar attenzjoni għal kull ilment. Għalhekk il-Kunsilliera kien mitluba jikkummenta u japprova dan il-*performance bonus* lill-impjegati u lis-Segretarju Eżekuttiv.

**Il-Kunsilliera Jason Busuttil u Ralph Puli** kkummentaw favur il-ħidma tal-impjegati tal-Kunsill.

**Is-Sindku** ressaq il-Mozzjoni 113/2010 (V) għall-vot.

**Ivvutaw Favur l-ħdax-il (11) Kunsilliera preżenti**. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill** unanimament approva din il-Mozzjoni 113/2010 (V).

**44/10** **KUMITAT TAL-FINANZI**

**Is-Sindku** ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill il-minuti tal-laqgħa tal-Kumitat tal-Finanzi li saret nhar l-Erbgħa l-1 ta' Diċembru 2010, minuti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija. Il-Kunsill approva d-dokument dwar ir-reviżjoni tal-Budget għas-sena 2010, skont il-finanzi approvati matul is-sena. **DOK 'C1-3'**

Dwar il-Budget għas-sena 2011, is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li sa dak in-nhar tas-Seduta l-Kunsill kien għadu ma rċeviex l-informazzjoni tal-Allokazzjoni għas-sena 2011, iżda xorta waħda sar xogħol fuq Draft Budget 2011 u Draft Business Plan 2011-2013. Id-dokumenti mħejjija fil-Kumitat tal-Finanzi kienu mfissra skont tabelli ta' infieq proġettat għas-sena d-dieħla skont stimi ta' nfieq għal dawn l-aħħar snin.

L-Infieq propost għas-sena d-dieħla kien analizzat, fejn kien maqbul li jsir sforz qawwi sabiex il-Kunsill inaqqas l-infieq kurrenti matul is-sena. Il-Kunsill kien mill-ġdid imfakkar li r-Reġjun kien se jieħu r-responsabbilta' tat-tħaddim tas-sistema tal-infurzar tal-liġi, u għalhekk il-Kunsill kien se jara tnaqqis fid-dħul matul is-sena.

Tqajmet diskussjoni dwar l-infieq għall-Komunita' u Ospitalita' fejn għas-sena 2010 kien stmat li se jlaħħaq €76,300. Minħabba li sal-lum ma kien hemm l-ebda indikazzjoni li l-Kunsill, bħas-snin ta' qabel, kien se jieħu xi forma ta' għotja, qed ikun stmat li din in-nefqa tkun ta' madwar €37,150 skont il-programm ta' ħidma mal-għaqdiet. Kemm-il darba il-Kunsill jingħata fondi skont skemi li għalihom saret applikazzjoni, dan il-vot għandu jiżdied. L-Għan tal-Kunsill huwa li matul din is-sena wkoll titkompla l-ħidma ma' l-għaqdiet sabiex jittellgħu attivitajiet fil-lokalita'

Matul din is-sena il-Kunsill kien se jneħħi l-vettura li nxtrat għax-xogħol ta' kuljum, li mhix aktar konformi mal-VRT, u minflok se tinxtara vettura wkoll *second hand* għall-prezz ta' elf u tmien mitt euro. Dan il-van diesel se jintuża għax-xogħol ta' kuljum mill-ħaddiema tal-Kunsill, sabiex jinġarr l-apparat meħtieġ fix-xogħol.

Kien diskuss ukoll l-infieq kapitali għas-snin li ġejjin, fejn il-Kunsill qabel li jibqa' għaddej fuq il-bini ta' toroq u bankini ġodda, flimkien max-xogħol tal-uffiċċju l-ġdid malli jkun iffinalizzat ix-xiri tal-garaxx mal-Kunsill.

Kien diskuss ukoll il-Pjan ta' Ħidma għas-snin 2011-2013, fejn il-Kunsill se jkun qed ikompli bil-ħidma, bħas-snin ta' qabel, bl-għoti ta' tarmak u bini ta' bankini f'toroq oħra f'Ħal Qormi, u dan ix-xogħol isir skont l-allokazzjoni finanzjarja ta' kull sena. Dawn id-*Draft Documents* kienu diskussi u approvati, sabiex ikunu ffinalizzati bl-allokazzjoni li se jirċievi l-Kunsill għas-sena 2011. **DOK 'D1-2'**

**44/11** **National Audit Office – Rapport**

**Is-Sindku** ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsilliera, u poġġa fuq il-mejda, kopja tar-rapport tal-Awditur Ġenerali dwar l-Audit tal-2009 tal-Kunsilli Lokali, kopja li kienet iċċirkulata u ittieħdet bħala moqrija. **DOK 'E'**

**44/12** **DOKUMENTI OĦRA**

**44/12/01** **Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi** ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill ir-rapport dwar iż-żjara li saret ġewwa l-lokalita' ta' San Venerina fi Sqallija, li kienet mawra mħallsa mis-Sindku tal-Lokalita'.

a. Żjara ġewwa Santa Venerina **DOK 'F'**

**44/12/02** **Is-Sindku** ressaq il-korrispondenza mis-sur Silvio Schembri Manager GAL Xlokk.

b. GAL – *Membership Fee* **DOK 'G'**

Is-Sindku nforma li fis-Seduta li jmiss se tkun diskussa din il-*membership fee* u fis-seduta sejjer jattendi is-sur Schembri.

**44/12/03** **Is-Sindku** ressaq ukoll il-korrispondenza mill-MEPA dwar it-twaqqif ta' Notice Boards fejn jitwaħħlu l-informazzjoni dwar l-applikazzjonijiet li jidħlu għand il-MEPA. Kien maqbul li jitwaqqfu mal-ħajt tal-Ġnien Armier, u fi Ġnien Federico Maempel fejn jintlaħqu minn għadd kbir ta' nies.

c. MEPA – Notice Boards **DOK 'H'**

**44/13** **KORRISPONDENZA**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill din il-Korrispondenza dwar: **DOK 'J 1-3'**

a. Risposta mill-Perit Stephen Bonello tal-MRRA dwar il-proposti li tressqu f'isem ir-residenti ta' Triq Pawlu Farrugia
b. Dipartiment Kunsilli Lokali – Belt Kapitali Ewropea tal - Kultura 2018. Is-Segretarju Eżekuttiv kien awtorizzat mill-Kunsill sabiex jidħol id-Dipartiment tal-Gvern Lokali u jiffirma dan id-dokument.
c. *Quotation for Lighting Design Services* għal Triq Dun Gwakkin Schembri. Il-Kunsill qabel li l-ingineer ikun imqabbad iħejji l-bżonnijiet tad-dwal ta' Triq Dun Ġwakkin Schembri, li sejra tinbena mill-ġdid is-sena d-dieħla.

**44/14** **MEMOS**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill dawn il-Memos, li kienu ċċirkulati. **DOK 'K 1-4'**

Memo 126 – Attivitajiet fil-lokalitajiet b'Risq il-Malta Community Chest Fund

Memo 127 – Kuntratti dwar il-Gbir tal-Iskart Imħallat

Memo 128 – Taħriġ għall-impjegati tal-Librerija Pubbliċi

Memo 137 – Website Clean Up Malta Campaign

**44/15** **AĠĠORNAMENT**

Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss tinżamm nhar it-Tlieta 18 ta' Jannar 2011 fis-7:00 ta' fil-għaxija.

Il-laqgħa ntemmet fid-7.40 ta' fil-għaxija.

| | |
|---|---|
| Jesmond Aquilina<br>Sindku | John Farrugia<br>Segretarju Eżekuttiv |

Minuti approvati llum ........................ (Jum) ......... (Data) ta' ....................... (Xahar) 2011.